

# Santa Marija taż-Żellieqa

*Kitba tas-Sur Brian Bonnici*





Id-devozzjoni lejn Santa Marija fil-gżejjer tagħna hija kbira u għażiża. Ma' din il-festa ntrabtu għadd ta' ġrajjiet għidutu u leġġendi. Waqt li l-poplu jistenna din il-festa minn sena għall-oħra għaliex Santa Marija ġġib il-mistrieħ u l-vaganzi. Għall-bidwi fl-imgħoddi din il-festa kienet iġġib ukoll il-ħlas tal-qbiela. Għalhekk bla dubju ta' xejn Santa Marija hija l-festa tal-festi. Hija wkoll l-unika festa li jiċċelebrawha flimkien bosta rħula u bliet fl-arċipelagu tagħna.

Din il-festa li rabet magħha wkoll ġrajja ta' ħelsien u fidwa, qed nirreferi mal-ġrajja qalbiena li seħħet fit-Tieni Gwerra Dinjija magħrufa bħala l-Konvoj ta' Santa Marija. Fuq kollox Santa Marija jew aħjar il-ġrajja u l-fidi tagħna lejn l-Assunzjoni tiġbed lejha u rabtet devozzjonijiet kbar u antiki li jidhru b'qawwiethom fit-toroq tagħna permezz tan-niċeċ u x-xbihat kif ukoll permezz ta' bosta artali dedikati lit-tlugħ u d-dħul ta' Ommna Marija fil-Glorja tas-sema. Saħansitra nsibu għexieren ta' għexieren ta' kappelli f'gieħha, tant li mhux darba u tnejn li dan it-titular issiblu aktar minn kappella dedikati lilu fl-istess raħal bħala eżempju nsemmi lil Ħal Qormi li fih għandu l-Kappelli ta' Santa Marija tal-Blat, Santa Marija ta' Qrejqċa u Santa Marija tal-Ħlas.

Waqt li niftakru f'dan il-patrimonju li ħallewlna missirijietna u waqt li nippreparaw ruħna biex niċċelebraw din il-festa kif xieraq, għal mument se nħallu ftit fil-ġenb il-briju tal-baned u l-ħsejjes tal-isparar u nimirħu u mmorru għall-kwiet tar-raħal sbejjaħ u pittoresk ta' Ħal Għargħur fejn hawn ukoll insibu 2 kappelli dedikati lill-Assunzjoni. F'dan l-artiklu qasir se nagħti ħarsa ħafifa u bla dettall lejn il-Kappella magħrufa bħala Taż-Żellieqa, kappella li rabtet magħha ġrajja u għidut li se ngħaddi biex nirrakuntahilkom, qabel inwassal ftit tagħrif dwar din il-Kappella. Din il-kappella tinsab int u tiela' mill-wied tal-Madliena, qabel ma taqbad ir-raħal ta' Ħal Għargħur, ftit passi 'l bogħod mill-palazz Tal-Kmand. Din il-knisja ħelwa, li hija aktar magħrufa bħala taż-Żellieqa, minn dejjem gawdiet minn fama u devozzjoni fost il-poplu Malti tant li tista' titqies bħala Santwarju.



Il-ġrajja tagħha teħodna lejn s-sena 1560 meta skont it-tradizzjoni, il-Madonna dehret lil waħda xebba raħlija, f'dan il-post li fuqu sal-lum għad hemm wieqfa din il-kappella. Jingħad li l-mara kienet marida imma bl-interċessjoni ta' Santa Marija fieqet, anke jekk il-marda kienet qalila ħafna. Min-naħa tagħha b'ringrazzjament, devozzjoni u radd il-ħajr ix-xebba bniet din il-knisja ckejkna u ddedikata lit-tlugħ glorjuż fis-sema tal-Verġni Imbierka, jew aħjar kif nafuha "Santa Marija". Hawn waqt li qed nikteb dan l-aneddotu qed jiġi f'moħħi u fil-ġrajja nara xebh mal-kappella li llum inbidlet f'Santwarju Nazzjonali – dak tal-Madonna ta' Pinu f'Għawdex.

Għalkemm il-ġrajja hija msawwra fuq għidut, żgur li f'Ħal Għargħur ġrat xi ħaġa qaddisa u nistgħu ngħidu li xi verità minn din t-tradizzjoni hemm ukoll, għaliex insibu dokumentazzjoni





dwarha, li toħroġ mir-rapport tal-Vista Pastorali ta' Mons. Pietru Dusina li saret fil-Għargħur fl-1575. Fil-fatt Dusina kiteb li fiż-żmien taż-żjara tiegħu din ix-xebba kienet għada ħajja għalkemm ma semmiex isimha u lanqas id-data preċiża tad-dehra.

Il-poplu Malti minn dejjem għożż u rrikorra b'devozzjoni kbira lejn din il-kappella tant li dan insibuh imfisser ukoll f'għadd ta' kitbiet bħala eżempju se nikwota lill-kittieb Gio. Anton Abela Ciantar li fil-ktieb tiegħu "Malta Illustrata", niżżel dan: "a questa chiesa concorrono gli abitanti di tutta l'isola, non che di quel casale solamente, con gran frequenza per la divozione, che v'hanno, e per miracolo in quel sito, e benedetto luogo occorso."
jiġifieri
*"f'din il-knisja jiġu nies minn madwar il-gżira kollha, mhux biss minn dak ir-raħal. Dawn jiġu ta' spiss u b'devozzjoni, u jiġu minħabba l-miraklu (li kien sar) u d-devozzjoni tal-lokal".*

Din il-kitba saret fl-1780, madwar mitejn sena wara l-bini tal-kappella.

Sadanittant fl-1866, il-Kavallier Achille Ferris reġa' kiteb dwarha u f'kitbietu qabel ma' kittieba oħra ta' qablu. Għadd ta' dokumenti oħra li ħallewna xi Isqfijiet jagħtuna tagħrif xieraq dwar id-devozzjoni li missirijietna minn dejjem kellhom lejn Santa Marija partikolarment fil-post fejn saret din d-dehra. Dan huwa kkonfermat ukoll b'indulġenzi fosthom indulġenza ta' 200 jum lil kull min jgħid is-"Salve Reġina" quddiem ix-Xbiha Mqaddsa li hemm f'din il-knisja.

Dan is-Santwarju ċkejken beda jkun magħruf bħala Taż-Żellieqa minħabba l-istat ħażin tat-triq tiżloq - żellieqa li tinsab fiha din il-Kappella. Din t-triq kienet inbniet għall-ewwel darba fis-seklu 16, waqt li snin wara fl-1946 reġgħet inbniet u ġiet asfaltata mill-priġunieri tal-gwerra Ġermaniżi, li kien hawn f'Malta. Din il-Kappella bdiet tisejjaħ b'dan il-laqam biex ikun hemm ukoll distinzjoni minn kappella oħra żgħira fil-qrib li wkoll hija wkoll iddedikata lil Marija Assunta u li hija mlaqqma ta' Bernarda.

Oriġinarjament is-Santwarju taż-Żellieqa inbena fl-1560, imbagħad reġa' inbena mill-ġdid fl-1650, fuq pjanta tal-perit Tomaso Dingli li incidentalment fl-1612 ppjanta wkoll il-knisja parrokkjali tal-Għargħur, ad unur l-Appostlu San Bartilmew. Din il-kappella għandha kampnar wieħed li nbena f'nofs is-seklu għoxrin. Ghandha wkoll 2 twieqi fil-faċċata, waqt li sal-lum għadu jsir xogħol ta' tisbieħ u restawr u dan jidher għax hija kappella miżmuma tajjeb ħafna.

Il-kwadru titulari tagħha huwa opra mill-isbaħ tal-pittur magħruf Malti Rokku Buhagiar. Dan juri lill-Madonna tiela' s-sema bir-ruħ u l-ġisem waqt li l-uniku artal li għandha hu kapulavur tal-irħam fuq stil barokk. Hawn insibu wkoll żewġ kwadri antiki oħra, wieħed tal-Karmnu u l-ieħor tal-Lunzjata, li nġiebu mill-knisja parrokjali. Kwadru ieħor huwa dak li juri l-grajja tad-dehra tal-Madonna lix-xebba mhux magħrufa li sar fl-1962 mill-Kavallier Envin Cremona.

Fil-faċċata wieħed għandu wkoll jilmaħ żewġ lapidi tal-irħam li kienu tqiegħdu, bil-permess tal-Arċisqof Metropolita Mons. Mikiel Gonzi, 1950, bħala tifkira u fl-okkażjoni tal-Proklamazzjoni tad-Domma tal-Assunzjoni ta' Marija fis-sema mill-Papa Piju XII. Waħda mill-irħamiet hija bil-Latin waqt li l-oħra hi bil-Malti. Dawn jixhdu wkoll il-kliem ta' Mons. Dusina li jfakkar il-ġrajja li tat bidu lil din d-devozzjoni u t-twaqqif ta' din il-knisja kif ukoll il-mod kif kibret u nfirxet id-devozzjoni tal-Maltin lejn dan is-santwarju.

Illum d-devozzjoni lejn dan is-Santwarju żgur li m'għadhiex qawwija bħal qabel imma minkejja dan l-Għargħurin u n-nies tal-madwar għadhom iżommuha b'għożża u b'devozzjoni fosthom billi jippreżentaw lit-trabi tagħhom f'din il-knisja bħala devozzjoni speċjali lejn l-Assunta. Barra minn hekk hawn issir ukoll quddiesa kull nhar ta' Ħadd.

